# Int tieħu ħsieb u tissapportja membru tal-familja jew ħabib/a?

## L-Aċċess għall-Kerer (Carer Gateway) tgħodd għalik

Carer Gateway
An Australian Government Initiative



Int tipprovdi kura u sapport lil xi membru tal-familja jew ħabib/a li għandhom diżabilità, kundizzjoni medika, mard mentali, jew huma debboli minħabba l-età?

Taħseb li tkun ta' għajnuna għalik li jkun hemm servizzi biex jissapportjawk biex int tkun tista' tibqa' hemm għal dik il-persuna li int tieħu ħsieb?

**Jekk weġibt iva għal kwalunkwe waħda minn dawn il-mistoqsijiet, il-Carer Gateway jista' jgħinek.**

## X'inhu l-Carer Gateway u għal min jgħodd?

Il-Carer Gateway jipprovdi servizzi ta' sapport u tagħrif bla ħlas lill-persuni li jipprovdu kura u sapport lil membru tal-familja jew ħabib/a. Dan jista' jkun il-każ għax għandhom diżabilità, kundizzjoni medika, mard mentali jew huma debboli minħabba l-età.

M'għandux x'jaqsam jekk intom tirċevux jew le pagament tal-gvern, intom xorta waħda tistgħu taċċessjaw il-Carer Gateway. Wara kollox, kull sitwazzjoni tal-kura hi differenti.

Xi kerers jieħdu ħsieb persuna oħra 24 siegħa kuljum u jgħinu fl-għajxien ta' kuljum, waqt li oħrajn jissapportjaw persuni għal ftit sigħat biex jgħinuhom fix-xogħol ta' kuljum.

## Kif inhuma pprovduti s-servizzi?

Firxa ta' organizzazzjonijiet madwar l-Awstralja jipprovdu s-servizzi tal-Carer Gateway lill-kerers fil-komunitajiet lokali.

Is-servizzi huma pprovduti personalment, onlajn jew permezz tat-telefown.

## Kif naċċessja s-servizzi?

Billi ċċempel 1800 422 737 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u l-5pm ħin lokali, int tista' tkellem lill-fornitur tas-servizz tal-Carer Gateway fiż-żona tiegħek. Huma ser ikellmuk dwar is-sitwazzjoni tiegħek u jgħinuk taċċessja servizzi li huma speċifiċi għall-bżonnijiet tiegħek.

Int tista' taċċessja servizzi u aktar tagħrif onlajn fuq is-sit tal-web tal-Carer Gateway: carergateway.gov.au.

## X'servizzi huma disponibbli?

### Ikkowċjar

Tgħallem kif timmaniġġja l-istress u ttejjeb il-benesseri tiegħek.

- **Ikkowċjar f'idejk stess** – tagħmel korsijiet onlajn u ittemmhom onlajn fuq perjodu ta' żmien li tistabilixxi int stess u mingħajr għaġġla.
- **Ikkowċjar personali** – tiltaqa' wiċċ imb wiċċ mal-kowċ fiż-żona tiegħek.

### Servizz ta' pariri

Jekk qed tħossok li tbati mill-istress, qalbek sewda jew irrabjat, kownseller jista' jkellmek dwar is-sitwazzjoni tiegħek u jgħinek.

- **Personalment** – titkellem ras imb ras jew fi grupp ma' kownseller fiż-żona lokali tiegħek.
- **Servizz ta' pariri permezz tat-telefown** – titkellem ma' kownseller permezz tat-telefown.

### Respajt f'każ ta' emerġenza

Jekk timrad jew tweġġa' għall-għarrieda u ma tistax tkompli tieħu ħsieb il-persuna li tindokra, is-servizzi tar-respajt f'każ ta' emerġenza jistgħu jgħinu jieħdu ħsiebha waqt li int tkun qed tmur għall-aħjar. Ċempel 1800 422 737 f'kwalunkwe ħin biex titlob respajt tal-emerġenza.

### Ikkonettja ma' oħrajn f'sitwazzjonijiet simili

Tiltaqa' ma persuni bħalek li jieħdu ħsieb membru tal-familja jew ħabib/a. Aqsam magħhom stejjer, għerf u esperjenzi biex titgħallmu u tissapportjaw lil xulxin.

- **Personalment** – ingħaqad ma' grupp ta' persuni fiż-żona lokali tiegħek li jieħdu ħsieb ukoll membru tal-familja jew ħabib/a.
- **Komunità onlajn** – issieħeb ma' gruppi onlajn li jitkellmu flimkien u tkellem ma' persuni oħra li jieħdu ħsieb ukoll xi membru tal-familja jew ħabib/a.

**carergateway.gov.au**

Ikkonettjar tal-kerers ma' servizzi ta' sapport

*'Int aktar b'saħħtek milli taħseb. Ħu ħsieb tiegħek innifsek u oqgħod fuq dak li tħabbrek qalbek.'*

Pam, kerer ta' binha.



### Korsijiet onlajn ta' ħiliet

Tgħallem ħiliet ġodda biex tieħu ħsieb xi ħadd ieħor kif ukoll tiegħek stess. Sib modi ġodda biex tiffaċċja l-istress u problemi legali, u ttejjeb is-saħħa u s-sigurtà. Kull kors jkopri suġġett differenti u int tista' ittemmhom onlajn fuq perjodu ta' żmien li tistabilixxi int stess u mingħajr għaġġla.

### Pakkett imffassal ta' sapport

Is-sapport u servizzi huma mfassla biex jgħinuk fir-rwol tiegħek tal-kura.

Int għandek mnejn tkun tista' tikseb bla ħlas:

- servizzi jew apparat biex jgħinuk tkompli tistudja – pereżempju, privat, provisti edukattivi jew korsijiet ta' taħriġ
- respajt ippjanat, fejn il-fornitur tas-servizz jidħol għalik biex jieħu ħsieb il-membru tal-familja jew ħabib/a tiegħek waqt li tieħu brejk.
- servizz ta' tisjir u tindif
- għajnuna fix-xirja
- trasport biex jgħinek tagħmel affarijiet bħal ngħidu aħna tmur għall-appuntamenti mediċi jew tagħmel ix-xirja.

## Kif nikkuntattja lil Carer Gateway?

Ċempel lil Carer Gateway fuq **1800 422 737** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8am u l-5pm biex titkellem mal-fornitur tiegħek tas-servizzi lokali dwar s-sapport u s-servizzi li int tista' tuża. Hemm servizzi ta' respajt f'każ ta' emerġenza 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa fuq l-istess numru.

Jekk għandek bżonn tagħrif fil-lingwa tiegħek għajr l-Ingliż, ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fuq 131 450.

Jekk int trux, jew għandek impediment tas-smigħ jew tat-taħdit, int tista' ċċempel is-Servizz Nazzjonali tar-Relay fuq 133 677.

Hemm servizzi onlajn u aktar tagħrif fuq is-sit tal-web tal-Carer Gateway: **carergateway.gov.au**